## L-GĦAXAR SKEDA
## (Artikoli 7, 10 u 16)

## RATI TA' KONTRIBUZZJONI
## TAQSIMA I

### Kontribuzzjonijiet tal-Ewwel Klassi
### *(Persuni Impjegati)*

| Kategorija | Xorta ta' persuna impjegata | Rata fil-Ġimgħa ta' Kontribuzzjoni li għandha titħallas mill-persuna impjegata | Rata fil-Ġimgħa ta' Kontribuzzjoni li għandha titħallas mill-prinċipal tagħha |
|---|---|---|---|
| **A** | Persuni taħt it-18-il sena li l-paga bażika fil-ġimgħa tagħhom, jew li l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku fix-xahar tagħhom, ma teċċedix €175.84 | €6.62 | €6.62 |
| **B** | Persuni li għalqu t-18-il sena li l-paga bażika fil-ġimgħa tagħhom, jew li l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku fix-xahar tagħhom, ma teċċedix €175.84 | €17.58 jew, jekk tagħżel il-persuna impjegata, 10% sa l-eqreb ċenteżmu, tal-paga bażika fil-ġimgħa jew tas-salarju bażiku fix-xahar (ara NOTA 1 isfel) | €17.58 |
| **Ċ** | Persuni li twieldu fil-31 ta' Diċembru 1961 **jew qabel**, u li l-paga bażika fil-ġimgħa, jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar, teċċedi €175.84 iżda ma teċċedix €356.96 | 10% sa l-eqreb ċenteżmu tal-paga bażika fil-ġimgħa, jew tal-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku fix-xahar | 10% sal-eqreb ċenteżmu tal-paga bażika fil-ġimgħa, jew tal-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku fix-xahar |
| | Persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 **jew wara**, u li l-paga bażika fil-ġimgħa jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar teċċedi €175.84 iżda ma teċċedix €465.27 **(ara NOTA 2 isfel)** | | |
| **D** | Persuni li twieldu fil-31 ta' Diċembru 1961 **jew qabel**, u li l-paga bażika fil-ġimgħa tagħhom, jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku fix-xahar, teċċedi €356.96 | €35.70 | €35.70 |
| | Persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 **jew wara**, u li l-paga bażika fil-ġimgħa tagħhom, jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku fix-xahar, teċċedi €465.27 **(ara NOTA 2 isfel)** | €46.53 | €46.53 |
| **E** | Persuni taħt it-18-il sena li jkunu qegħdin jagħmlu kors ta` studju *full-time* jew tagħlim taħt l-Iskema Student Ħaddiem, jew skemi oħrajn simili (inklużi l-*Extended Training Schemes*, iżda esklużi l-Iskemi ta` Ħaddiem Student) li jkunu jinvolvu perijodi distinti ta` xogħol u studju li dwaru jkunu qegħdin jirċievu rimunerazzjoni | 10%, maħduma sal-eqreb ċenteżmu, tar-rimunerazzjoni bażika fil-ġimgħa tagħhom jew tal-ekwivalenti fil-ġimgħa tar-rimunerazzjoni bażika fix-xahar tagħhom sa rata massima ta' kontribuzzjoni ta' € 4.38 | 10%, maħduma sal-eqreb ċenteżmu, tar-rimunerazzjoni bażika fil-ġimgħa tagħhom jew tal-ekwivalenti fil-ġimgħa tar-rimunerazzjoni bażika fix-xahar tagħhom sa rata massima ta' kontribuzzjoni ta' € 4.38 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **F** | Persuni li għalqu t-18-il sena li qegħdin jagħmlu kors ta` studju *full-time* jew tagħlim taħt l-Iskema Student Ħaddiem, jew skemi oħrajn simili (inklużi l-*Extended Training Schemes*, iżda esklużi l-Iskemi ta` Ħaddiem Student) li jkunu jinvolvu perijodi distinti ta` xogħol u studju li dwaru jkunu qegħdin jirċievu rimunerazzjoni | 10% maħduma sal-eqreb ċenteżmu, tar-rimunerazzjoni bażika fil-ġimgħa tagħhom jew tal-ekwivalenti fil-ġimgħa tar-rimunerazzjoni bażika fix-xahar tagħhom sa rata massima ta' kontribuzzjoni ta' € 7.94 | 10% maħduma sal-eqreb ċenteżmu, tar-rimunerazzjoni bażika fil-ġimgħa tagħhom jew tal-ekwivalenti fil-ġimgħa tar-rimunerazzjoni bażika fix-xahar tagħhom sa rata massima ta' kontribuzzjoni ta' € 7.94 |

**NOTA 1: Jekk il-persuna tagħżel li tħallas kontribuzzjoni fuq paga jew salarju inqas mill-Paga Minima Nazzjonali, din ir-rata ta' kontribuzzjoni, fejn applikabbli, tista' tintitola lill-kontributur għal benefiċċju jew pensjoni kontributorja b'rata mnaqqsa, jekk dik il-persuna tikkwalifika għal benefiċċju jew pensjoni kontributorja.**

**NOTA 2: Bis-saħħa tal-Att XIX tal-2006 u l-Avviż Legali 336/06, li bihom daħlu fis-seħħ ir-riformi fil-pensjonijiet, id-dħul pensjonabbli għal persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 jew wara, mis-sena 2019 huwa garantit bl-ammont ta' €24,194. Għaldaqstant dan qed jiġi rifless f'żieda fl-ogħla rata ta' kontribuzzjoni pagabbli.**

## TAQSIMA II

### Kontribuzzjonijiet tat-Tieni Klassi
*(Persuni li jaħdmu għalihom infushom)*

| Kategorija | Xorta ta' persuna li taħdem għaliha nnifisha | Rata ta' kontribuzzjoni fil-ġimgħa li titħallas minn persuna li taħdem għaliha nnifisha |
|---|---|---|
| | Persuni li l-qligħ nett tagħhom fis-sena (b'esklużjoni ta' Benefiċċju ta' Maternità, *Allowance* tat-Tfal u kull benefiċċju *ex gratia* mħallas taħt l-artikolu 88 ta' dan l-Att) matul is-sena kalendarja minnufih qabel is-sena ta' kontribuzzjoni li fiha titħallas il-kontribuzzjoni: | |
| **SP** | Jaqbeż €1,005 iżda ma jaqbiżx €9,024 (din il-kategorija hija applikabbli BISS għal persuni waħedhom li ma jaħdmux għalihom infushom) | €26.03 |
| **SA** | Ikun anqas minn €10,485 | €30.25 |
| **SB** | Persuni li twieldu fil-31 ta' Diċembru 1961 **jew qabel**, u li l-qligħ nett tagħhom jaqbeż €10,485 iżda ma jaqbiżx €18,562 | L-ekwivalenti fil-ġimgha ta' 15% tal-qligħ tagħhom fis-sena kalkulat sa l-eqreb ċenteżmu |
| | Persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 **jew wara**, u li l-qligħ tagħhom jaqbeż €10,485 iżda ma jaqbiżx €24,194. | |
| **SC** | Persuni li twieldu fil-31 ta' Diċembru 1961 **jew qabel**, u li l-qligħ nett tagħhom jaqbeż €18,562 | € 53.54 |
| | Persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 **jew wara**, u li l-qligħ tagħhom jaqbeż €24,194. **(ara NOTA 1 isfel)** | € 69.79 |

**NOTA 1: Bis-saħħa tal-Att XIX tal-2006 u l-Avviż Legali 336/06, li bihom daħlu fis-seħħ ir-riformi fil-pensjonijiet, id-dħul pensjonabbli għal persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 jew wara, mis-sena 2019 huwa garantit bl-ammont ta' €24,194. Għaldaqstant dan qed jiġi rifless f'żieda fl-ogħla rata ta' kontribuzzjoni pagabbli.**

## TAQSIMA III

### Kontribuzzjonijiet tat-Tieni Klassi
### *(Persuni li jimpjegaw lilhom infushom)*

| Kategorija | Xorta ta' persuna li timpjega lilha nnifisha | Rata ta' kontribuzzjoni fil-ġimgħa li titħallas minn persuna li timpjega lilha nnifisha |
|---|---|---|
| | Persuni li l-qligħ nett tagħhom fis-sena (b'esklużjoni ta' Benefiċċju ta' Maternità, *Allowance* tat-Tfal u kull benefiċċju *ex gratia* mħallas taħt l-artikolu 88 ta' dan l-Att) matul is-sena kalendarja minnufih qabel is-sena ta' kontribuzzjoni li fiha titħallas il-kontribuzzjoni: | |
| **SA** | Ikun anqas minn €10,485 | € 30.25 jew 15% tal-qligħ nett jekk il-persuna hi mara li timpjega lilha nnifisha fuq bażi part-time, student/studenta full-time li għad ma laħqitx l-24 sena u li timpjega lilha nnifisha fuq bażi part-time, jew pensjonant li jimpjega lilu nnifsu u l-qligħ nett fis-sena ma jeċċedix € 10,485 (ara NOTA 1 isfel)<br>jew<br>€20.16 fil-kas ta' raħħal jew bidwi *full-time* li l-qligħ nett tiegħu ma jeċċedix €10,485 |
| **SB** | Persuni li twieldu fil-31 ta' Diċembru 1961 **jew qabel**, u li l-qligħ nett tagħhom jaqbeż €10,485 iżda ma jaqbiżx €18,562 | L-ekwivalenti fil-ġimgha ta' 15% tal-qligħ nett tagħhom fis-sena kalkulat sa l-eqreb ċenteżmu<br>jew<br>l-ekwivalenti fil-ġimgha ta' 10% tal-qligħ nett fil-każ ta' bidwi jew raħħal *full-time* |
| | Persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 **jew wara**, u li l-qligħ tagħhom jaqbeż €10,485 iżda ma jaqbiżx €24,194 | |
| **SC** | Persuni li twieldu fil-31 ta' Diċembru 1961 **jew qabel**, u li l-qligħ nett tagħhom jaqbeż €18,562 | € 53.54<br>jew<br>€35.70 fil-kas ta' raħħal jew bidwi *full-time* |
| | Persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 **jew wara**, u li l-qligħ tagħhom jaqbeż €24,194 **(ara NOTA 2 isfel)** | € 69.79<br>jew<br>€46.53 fil-kas ta' raħħal jew bidwi *full-time* |

**NOTA 1: Jekk il-persuna tagħżel li tħallas kontribuzzjoni inqas mnn € 30.25 fil-ġimgħa, din ir-rata ta' kontribuzzjoni, fejn applikabbli, tista' tintitola lill-kontributur għall-benefiċċju jew pensjoni kontributorja b'rata imnaqqsa jekk dik il-persuna tikkwalifika għal benefiċċju jew pensjoni kontributorja.**

**NOTA 2: Bis-saħħa tal-Att XIX tal-2006 u l-Avviż Legali 336/06, li bihom daħlu fis-seħħ ir-riformi fil-pensjonijiet, id-dħul pensjonabbli għal persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 jew wara, mis-sena 2019 huwa garantit bl-ammont ta' €24,194. Għaldaqstant dan qed jiġi rifless f'żieda fl-ogħla rata ta' kontribuzzjoni pagabbli.**

## TAQSIMA IV

### Kontribuzzjoni għal Fond tal-*leave* għal Maternita'

### *(Il-Prinċipal)*

| Kategorija | Xorta ta' persuna impjegata | Rata fil-Ġimgħa ta' Kontribuzzjoni li għandha titħallas mill-prinċipal tagħha |
|---|---|---|
| A | Persuni taħt it-18-il sena li l-paga bażika fil-ġimgħa tagħhom, jew li l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku fix-xahar tagħhom, ma teċċedix €175.84 | €0.20c |
| B | Persuni li għalqu t-18-il sena li l-paga bażika fil-ġimgħa tagħhom, jew li l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku fix-xahar tagħhom, ma teċċedix €175.84 | €0.53c |
| Ċ | Persuni li twieldu fil-31 ta' Diċembru 1961 **jew qabel**, u li l-paga bażika fil-ġimgħa, jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar, teċċedi €175.84 iżda ma teċċedix €356.96 | 0.3% sal-eqreb ċenteżmu tal-paga bażika fil-ġimgħa, jew tal-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku fix-xahar |
| | Persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 **jew wara**, u li l-paga bażika fil-ġimgħa jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku tagħhom fix-xahar teċċedi €175.84 iżda ma teċċedix €465.27. | |
| D | Persuni li twieldu fil-31 ta' Diċembru 1961 **jew qabel**, u li l-paga bażika fil-ġimgħa tagħhom, jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku fix-xahar, teċċedi €356.96 | €1.07c |
| | Persuni li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 **jew wara**, u li l-paga bażika fil-ġimgħa tagħhom, jew l-ekwivalenti fil-ġimgħa tas-salarju bażiku fix-xahar, teċċedi €465.27 | €1.40c |
| E | Persuni taħt it-18-il sena li jkunu qegħdin jagħmlu kors ta` studju *full-time* jew tagħlim taħt l-Iskema Student Ħaddiem, jew skemi oħrajn simili (inklużi l-*Extended Training Schemes*, iżda esklużi l-Iskemi ta` Ħaddiem Student) li jkunu jinvolvu perijodi distinti ta` xogħol u studju li dwaru jkunu qegħdin jirċievu rimunerazzjoni | 0.3%, maħduma sal-eqreb ċenteżmu, tar-rimunerazzjoni bażika fil-ġimgħa tagħhom jew tal-ekwivalenti fil-ġimgħa tar-rimunerazzjoni bażika fix-xahar tagħhom sa rata massima ta' kontribuzzjoni ta' €0.13c |

| | | |
|---|---|---|
| **F** | Persuni li għalqu t-18-il sena li qegħdin jagħmlu kors ta` studju *full-time* jew tagħlim taħt l-Iskema Student Ħaddiem, jew skemi oħrajn simili (inklużi l-*Extended Training Schemes*, iżda esklużi l-Iskemi ta` Ħaddiem Student) li jkunu jinvolvu perijodi distinti ta` xogħol u studju li dwaru jkunu qegħdin jirċievu rimunerazzjoni | 0.3% maħduma sal-eqreb ċenteżmu, tar-rimunerazzjoni bażika fil-ġimgħa tagħhom jew tal-ekwivalenti fil-ġimgħa tar-rimunerazzjoni bażika fix-xahar tagħhom sa rata massima ta' kontribuzzjoni ta' €0.24c |